

Brussell, 26 ta' April 2022
(OR. en)

8461/22
ADD 1

FISC 104
ECOFIN 373
N 25

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	26 ta' April 2022
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2022) 166 final
Suġġett:	ANNES tar-Rakkomandazzjoni għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL sabiex tawtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ in-negozjati għall-emenda tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar il-kooperazzjoni amministrattiva, il-ġlieda kontra l-frodi u l-irkupru tat-talbiet fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 166 final.

Mehmuż: COM(2022) 166 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 26.4.2022
COM(2022) 166 final

ANNEX

ANNEX

tar-

Rakkomandazzjoni għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

sabiex tawtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ in-negozjati għall-emenda tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar il-kooperazzjoni amministrattiva, il-ġlieda kontra l-frodi u l-irkupru tat-talbiet fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud

ANNEX

DIRETTIVI GĦAN-NEGOZJAR TAL-EMENDA TAL-FTEHIM BEJN L-UNJONI EWROPEA U R-RENJU TAN-NORVEĠJA DWAR IL-KOOPERAZZJONI AMMINISTRATTIVA, IL-ĠLIEDA KONTRA L-FRODI U L-IRKUPRU TAT-TALBIET FIL-QASAM TAT-TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD

F'Settembru 2018, daħal fis-seħħ, il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja (“in-Norveġja”) dwar il-kooperazzjoni amministrattiva, il-ġlieda kontra l-frodi u l-irkupru tat-talbiet fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud (“il-Ftehim”). Il-Ftehim jippermetti lill-Istati Membri tal-UE u lin-Norveġja jikkooperaw b' mod simili skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 904/2010¹ u d-Direttiva tal-Kunsill 2010/24/UE² biex jiġġieldu kontra l-frodi tal-VAT, u jassistu lil xulxin biex jirkupraw it-talbiet fil-qasam tal-VAT.

Madankollu, sadanittant saru diversi emendi għar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 904/2010 u ġew introdotti għodod ġodda għall-kooperazzjoni amministrattiva, jiġifieri permezz tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1541³ emendatorju. L-għodod il-ġodda jinkludu:

- (a) it-tiżiħ tan-network tal-Eurofisc permezz ta' governanza msaħħa, l-hekk imsejħa l-azzjonijiet ta' segwitu (l-ipproċessar u l-analiżi konġunti tad-*data*) u l-inkjести amministrattivi mwettqa b' mod konġunt (l-awditi konġunti);
- (b) il-possibbiltà li jintużaw mezzi oħra għall-iskambju ta' informazzjoni apparti l-formoli standard;
- (c) l-iskambju ta' informazzjoni ma' korpi oħra tal-infurzar tal-liġi tal-UE (l-Europol, l-OLAF);
- (d) il-kondiviżjoni ta' informazzjoni ewlenija dwar l-importazzjonijiet u dwar il-vetturi.

Madankollu, l-għodod imsemmija fil-punti c) u d) ta' hawn fuq mhumiex utli għall-kooperazzjoni tal-Istati Membri man-Norveġja

Barra minn hekk, il-Ftehim konkluż fl-2018 jagħmel referenza għad-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-*data* u r-Regolament (UE) Nru 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*⁴.

Għalhekk, l-għan tan-negozjati għandu jkun doppju:

¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 904/2010 tas-7 ta' Ottubru 2010 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva u l-ġlieda kontra l-frodi fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 268, 12.10.2010, p. 1)

² Id-Direttiva tal-Kunsill 2010/24/UE tas-16 ta' Marzu 2010 dwar l-assistenza reċiproka għall-irkupru ta' talbiet relatati ma' taxxi, dazji u miżuri oħra (ĠU L 84, 31.3.2010, p. 1)

³ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1541 tat-2 ta' Ottubru 2018 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 904/2010 u (UE) 2017/2454 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 259/1, 16.10.2018, p. 1-11)

⁴ Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1-88)

- (1) jipprovdli lill-Istati Membri, sa fejn ikun possibbli u sa fejn ikun meħtieġ, b'għodod ġodda ta' kooperazzjoni man-Norveġja, simili għal dawk introdotti fir-Regolament 904/2010 bir-Regolament (UE) 2018/1541. B'mod partikolari, in-negozjati għandhom ikopru:
- l-iskambju ta' informazzjoni bl-użu ta' mezzi oħra għajr il-formoli standard;
 - l-inkjesti amministrattivi mwettqa b'mod konġunt;
 - l-azzjonijiet ta' segwitu tal-Eurofisc.
- (2) Jiġu aġġornati r-referenzi legali għad-Direttiva 95/46/KE bir-Regolament (UE) 2016/679.

In-negozjati m'għandhomx iwasslu għall-possibbiltà li n-Norveġja “taċċessa l-bażijiet tad-*data* tal-Istati Membri”.